REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/662

tal-20 ta' Jannar 2023

li jemenda r-Regolament ta' Delega (UE) 2015/63 fir-rigward tal-metodoloġija għall-kalkolu tal-obbligazzjonijiet li jirriżultaw minn derivattivi

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KEE u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/UE, 2012/30/UE u 2013/36/UE, u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 103(7) tagħha,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 5(3) tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/63 ([2]), l-obbligazzjonijiet li jirriżultaw minn kuntratti derivattivi huma wieħed mill-komponenti tal-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet annwali li għandhom jitħallsu mill-istituzzjonijiet għall-arranġamenti ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni. B'mod partikolari, l-ammont medju annwali, ikkalkolat fuq bażi trimestrali, tal-obbligazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dak l-Artikolu, li jirriżultaw minn kuntratti derivattivi, għandu jiġi vvalutat f'konformità mal-Artikoli 429, 429a u 429b tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]).

(2) Qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) 2019/876 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]), l-Artikoli 429, 429a u 429b tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, obbligaw lill-istituzzjonijiet jikkalkolaw il-valur tal-iskopertura tad-derivattivi tagħhom billi jużaw metodu ta' valwazzjoni skont is-suq - il-Metodu tal-Iskopertura Kurrenti ("CEM") - permezz ta' referenza għall-Artikolu 274 ta' dak ir-Regolament, b'rabta mal-kalkolu tal-Iskopertura tal-Proporzjon ta' Ingranaġġ.

(3) Ir-Regolament (UE) 2019/876 emenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013. B'mod partikolari, l-Artikoli 429, 429a u 429b ġew sostitwiti bl-Artikoli 429 sa 429 g il-ġodda. Dik l-emenda kienet tinkludi, fost l-oħrajn, l-introduzzjoni fl-Artikolu 429c tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-obbligu għall-istituzzjonijiet li jikkalkolaw il-valur tal-iskopertura tal-kuntratti derivattivi f'konformità mal-metodu ta' valwazzjoni skont is-suq magħruf bħala l-Approċċ Standardizzat – Riskju ta' Kreditu tal-Kontroparti (SA-CCR), li ħa post il-Metodu tal-Iskopertura Kurrenti jew "CEM" b'effetti fuq il-perjodi ta' kontribuzzjoni *ex ante* mill-2023.

(4) L-Approċċ Standardizzat – il-Metodu tar-Riskju ta' Kreditu tal-Kontroparti huwa impossibbli li jiġi applikat għall-valwazzjoni tal-obbligazzjonijiet li jirriżultaw minn kuntratti derivattivi meta jkun meħtieġ li tali valwazzjoni tiġi applikata għall-iskopijiet tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/63. L-applikazzjoni ta' dak il-metodu, fil-fatt, tfixkel il-kalkolu tal-obbligazzjonijiet li jirriżultaw minn kuntratti derivattivi, u dan jaffettwa lil xi istituzzjonijiet aktar minn oħrajn. Dan huwa dovut, l-ewwel nett, għall-preżenza ta' limitu minimu żero f'ċerti formuli li għandhom jiġu

([1]) ĠU L 173, 12.6.2014, p. 190.

([2]) Ir-Regolament ta' Delega (UE) 2015/63 tal-21 ta' Ottubru 2014 li jissupplimenta d-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet ex ante għall-arranġamenti ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni (ĠU L 11, 17.1.2015, p. 44).

([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

([4]) Ir-Regolament (UE) 2019/876 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 dwar il-proporzjon ta' lieva finanzjarja, il-proporzjon ta' finanzjament stabbli nett, rekwiżiti għall-fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli, riskju ta' kreditu tal-kontroparti, riskju tas-suq, skoperturi għal kontropartijiet ċentrali, skoperturi għal impriżi ta' investiment kollettiv, skoperturi kbar, rekwiżiti ta' rappurtar u divulgazzjoni, u r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 150, 7.6.2019, p. 1).

applikati, li jaffettwa lill-istituzzjonijiet b'mod differenti skont jekk jużawx l-IFRS (l-Istandards Internazzjonali ta' Rapportar Finanzjarju), u, it-tieni, għad-diffikultajiet tekniċi u l-inċertezzi fl-applikazzjoni ta' formuli li jikkalkulaw l-Iskopertura Futura Potenzjali. Għalhekk huwa meħtieġ li l-istituzzjonijiet ikunu jistgħu jużaw il-Metodu tal-Iskopertura Kurrenti għall-valwazzjoni tal-obbligazzjonijiet li jirriżultaw minn kuntratti derivattivi u li jintroduċu dak il-metodu, preċedentement stabbilit fir-Regolament (UE) Nru 575/2013, u fir-Regolament ta' Delega (UE) 2015/63.

(5) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament ta' Delega(UE) 2015/63 jiġi emendat skont dan.

(6) Huwa meħtieġ li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jingħataw aktar żmien biex jadottaw u jinnotifikaw id-deċiżjonijiet tagħhom dwar il-kontribuzzjonijiet għall-arranġamenti ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni f'konformità mar-rekwiżiti emendati. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġi previst arranġament tranżizzjonali għas-sena 2023 li jestendi l-iskadenzi għal tali notifika.

(7) Peress li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jeħtieġ li japplikaw ir-rekwiżiti emendati sabiex jikkalkolaw u jiġbru l-kontribuzzjonijiet għas-sena 2023 mill-aktar fis possibbli, huwa meħtieġ li jiġi previst id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament mill-jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu.

(8) Skont l-Artikolu 14(4) tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/63, l-istituzzjonijiet għandhom jipprovdu lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni bl-informazzjoni li hija rilevanti għall-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet sal-31 ta' Jannar ta' kull sena. Huwa meħtieġ li l-istituzzjonijiet jingħataw xahar ieħor biex jipprovdu dik l-informazzjoni fl-2023, permezz ta' arranġament tranżizzjonali.

(9) Huwa meħtieġ ukoll li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jkunu jistgħu joħorġu struzzjonijiet lill-istituzzjonijiet għall-għoti ta' dik l-informazzjoni, b'mod konsistenti mal-emendi introdotti, ferm qabel l-iskadenza stabbilita għall-2023, sabiex jiġi evitat il-holqien ta' inċertezza legali dwar il-metodu li għandu jiġi applikat fl-2023 għall-valwazzjoni tal-obbligazzjonijiet li jirriżultaw minn kuntratti derivattivi. Sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tal-metodu tal-kalkolu matul il-perjodi ta' kontribuzzjoni u sabiex l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jkunu jistgħu joħorġu, mill-1 ta' Ottubru 2022, struzzjonijiet dwar l-għoti ta' tali informazzjoni f'konformità ma' dan ir-Regolament, dan ir-Regolament jenħtieġ li jibda japplika b'mod retroattiv minn dik id-data,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament ta' Delega (UE) 2015/63 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 3, jiżdied il-punt (30) li ġej:

"(30) 'obbligazzjonijiet li jirriżultaw minn kuntratti derivattivi' tfisser jew obbligazzjonijiet individwali li jirriżultaw minn kuntratt tad-derivattivi jew, fejn applikabbli, obbligazzjonijiet li jirriżultaw minn sett ta' netting ta' kuntratti derivattivi kif elenkati fl-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.";

(2) fl-Artikolu 5, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Għall-iskop ta' din it-Taqsima, l-ammont medju annwali, ikkalkolat fuq bażi trimestrali, tal-obbligazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, li jirriżultaw minn kuntratti derivattivi kif elenkati fl-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, inklużi dawk li ma jidhrux fil-karta bilanċjali, għandu jiġi valwat f'konformità mal-Artikoli 5a sa 5e ta' dan ir-Regolament.

Madankollu, il-valur assenjat lill-obbligazzjonijiet li jirriżultaw minn kuntratti derivattivi ma jistax ikun inqas minn 75 % tal-valur tal-istess obbligazzjonijiet li jirriżultaw mill-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-kontabilità applikabbli għall-istituzzjoni konċernata għall-iskopijiet ta' rappurtar finanzjarju.

Meta, skont l-istandards kontabilistiċi nazzjonali li japplikaw għal istituzzjoni ma jkun hemm l-ebda kejl kontabilistiku tal-iskopertura għal ċerti strumenti derivattivi minħabba li dawk l-istrumenti derivattivi jinżammu barra mill-karta bilanċjali, l-istituzzjoni għandha tirrapporta lill-awtorità ta' riżoluzzjoni s-somma tal-valuri ġusti ta' dawk id-derivattivi, meta s-somma tkun negattiva, bħala l-kost ta' sostituzzjoni u żżid dawk id-derivattivi mal-valuri kontabilistiċi tagħha fil-karta bilanċjali.";

(3) jiddaħħlu l-Artikoli 5a sa 5e li ġejjin:

"*Artikolu 5a*

Valur tal-iskopertura tad-derivattivi

1. L-istituzzjonijiet għandhom jiddeterminaw il-valur tal-iskopertura tal-kuntratti derivattivi elenkati fl-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, inklużi dawk li ma jidhrux fil-karta bilanċjali, f'konformità mal-Metodu ta' Valwazzjoni Skont is-Suq stabbilit fl-Artikolu 5b.

Meta jikkalkolaw il-valur tal-iskopertura, l-istituzzjonijiet jistgħu jqisu l-effetti ta' kuntratti għan-novazzjoni u arranġamenti oħra ta' netting f'konformità mal-Artikolu 5d. In-netting bejn prodotti differenti ma għandux japplika. Madankollu, l-istituzzjonijiet jistgħu jwettqu netting fi kwalunkwe kategorija ta' prodotti unika inkluża fl-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 meta jkunu soġġetti għal ftehim kuntrattwali ta' netting bejn prodotti differenti.

2. Meta d-dispożizzjoni ta' kollateral relatata ma' kuntratti derivattivi tnaqqas l-ammont ta' obbligazzjonijiet skont il-qafas ta' kontabbiltà applikabbli, l-istituzzjonijiet għandhom ireġġgħu lura dak it-tnaqqis.

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-istituzzjonijiet jistgħu jnaqqsu mill-porzjon tal-kost ta' sostituzzjoni kurrenti tal-valur tal-iskopertura l-marġini ta' varjazzjoni mħallas fi flus kontanti lill-kontroparti sa fejn skont il-qafas kontabilistiku applikabbli, il-marġini ta' varjazzjoni ma jkunx diġà ġie rikonoxxut bħala tnaqqis tal-valur tal-iskopertura u dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) għal tranżazzjonijiet mhux ikklerjati permezz ta' kontroparti ċentrali kwalifikanti kif definit fl-Artikolu 4(1)(88) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, il-flus kontanti mogħtija lill-kontroparti riċeventi ma jiġux segregati;

(b) il-marġini ta' varjazzjoni jiġi kkalkulat u skambjat kuljum abbażi ta' valwazzjoni skont is-suq ta' pożizzjonijiet fid-derivattivi;

(c) il-marġini ta' varjazzjoni mogħti fi flus kontanti jkun bl-istess munita bħall-munita tas-saldu tal-kuntratt tad-derivattivi;

(d) il-marġini ta' varjazzjoni skambjat ikun l-ammont sħiħ li jkun meħtieġ sabiex tintuża kompletament l-iskopertura tal-valwazzjoni skont is-suq tad-derivattiva soġġetta għal-limitu massimu u l-ammonti ta' trasferiment minimu applikabbli għall-istituzzjoni;

(e) il-kuntratt tad-derivattivi u l-marġini ta' varjazzjoni bejn l-istituzzjoni u l-kontroparti għal dak il-kuntratt huma koperti minn ftehim ta' netting uniku li l-istituzzjoni tista' tittratta bħala tnaqqis ta' riskju f'konformità mal-Artikolu 5d.

Għall-iskopijiet tal-ewwel subparagrafu, il-punt (c), meta l-kuntratt tad-derivattivi jkun soġġett għal ftehim prinċipali ta' netting kwalifikanti, il-munita tas-saldu tfisser kull munita ta' saldu speċifikata fil-kuntratt tad-derivattivi jew il-ftehim prinċipali ta' netting kwalifikanti li jirregola.

Meta, skont il-qafas tal-kontabbiltà applikabbli, istituzzjoni tirrikonoxxi l-marġini ta' varjazzjoni riċevut fi flus kontanti mill-kontroparti bħala obbligazzjoni pagabbli, hija tista' teskludi dik l-obbligazzjoni mill-miżura tal-iskopertura dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-ewwel paragrafu, il-punti (a) sa (e).

4. Għall-iskopijiet tal-paragrafu 3, għandu japplika dan li ġej:

(a) it-tnaqqis tal-marġini ta' varjazzjoni mħallas għandu jkun limitat għall-porzjon attwali negattiv tal-kost tas-sostituzzjoni tal-valur tal-iskopertura;

(b) istituzzjoni ma għandhiex tuża l-marġini ta' varjazzjoni mħallas fi flus kontanti sabiex tnaqqas l-ammont tal-iskopertura ta' kreditu futura potenzjali, inkluż għall-finijiet tal-Artikolu 5e(1)(b)(ii).

5. B'deroga mill-paragrafu 1, l-istituzzjonijiet jistgħu jużaw il-Metodu ta' Skopertura Simplifikat stabbilit fl-Artikolu 5c biex jiddeterminaw il-valur tal-iskopertura tal-kuntratti derivattivi elenkati fl-Anness II, il-punti 1 u 2 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, dment li d-daqs tan-negozju tad-derivattivi fil-karta bilanċjali u dawk li ma jidhrux fil-karta bilanċjali ta' dawk l-istituzzjonijiet jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 273a(2) ta' dak ir-Regolament.

L-istituzzjonijiet li japplikaw dak il-Metodu ta' Skopertura Simplifikat ma għandhomx inaqqsu l-kejl tal-iskopertura bl-ammont ta' marġini ta' varjazzjoni riċevut fi flus kontanti.

Artikolu 5b

Metodu ta' Valwazzjoni Skont is-Suq

1. Il-kost tas-sostituzzjoni attwali tal-obbligazzjonijiet li jirriżultaw minn kuntratti derivattivi fil-livell tas-sett ta' netting għandu jkun il-valur assolut tal-valur nett tas-suq ta' dawk il-kuntratti fi ħdan in-netting, gross minn kwalunkwe kollateral miżmum jew depożitat meta l-valuri tas-suq pożittivi u negattivi jkunu soġġetti għal netting fil-komputazzjoni tal-valur nett tas-suq. Għal dak il-għan, l-istituzzjonijiet għandhom jittrattaw tranżazzjoni derivattiva individwali bħala s-sett ta' netting tagħhom stess.

2. Sabiex jiddeterminaw l-iskopertura għall-kreditu futura potenzjali, l-istituzzjonijiet għandhom jimmultiplikaw l-ammonti nozzjonali jew il-valuri sottostanti, kif applikabbli, bil-perċentwali stabbiliti fit-Tabella 1 u f'konformità ma' dan li ġej:

(a) kuntratti derivattivi li ma jaqgħux taħt waħda mill-ħames kategoriji stabbiliti fit-Tabella 1 għandhom jiġu ttrattati bħala kuntratti rigward il-komoditajiet għajr il-metalli prezzjużi;

(b) għal kuntratti derivattivi bi skambji multipli ta' ammont kapitali, il-perċentwali għandhom jiġu multiplikati bin-numru tal-pagamenti li jifdal li għad iridu jsiru f'konformità mal-kuntratt;

(c) għal kuntratti derivattivi li huma strutturati sabiex skopertura pendenti tiġi paċuta wara dati ta' pagament speċifikati u meta t-termini jiġu ffissati mill-ġdid sabiex il-valur tas-suq tal-kuntratt tad-derivattivi jkun żero f'dawk id-dati speċifikati, il-maturità residwa għandha tkun daqs iż-żmien sad-data tal-iffissar mill-ġdid li jmiss; fil-każ ta' kuntratti b'rati tal-imgħax li jissodisfaw dawn il-kriterji u li jkollhom maturità pendenti ta' aktar minn sena waħda, il-perċentwal ma għandux ikun anqas minn 0,5 %.

Tabella 1

Maturità residwa	Kuntratti relatati ma' rati tal-imgħax	Kuntratti rigward ir-rati tal-kambju u d-deheb	Kuntratti rigward l-ekwitajiet	Kuntratti rigward il-metalli prezzjużi għajr id-deheb	Kuntratti rigward il-komoditajiet għajr il-metalli prezzjużi
Sena jew inqas	0 %	1 %	6 %	7 %	10 %
Aktar minn sena, mhux aktar minn 5 snin	0,5 %	5 %	8 %	7 %	12 %
Aktar minn 5 snin	1,5 %	7,5 %	10 %	8 %	15 %

3. Il-valur tal-iskopertura għandu jkun is-somma tal-kost ta' sostituzzjoni attwali u tal-iskopertura ta' kreditu futura potenzjali.

Artikolu 5c

Metodu tal-Iskopertura Simplifikat

1. Skont il-Metodu tal-Iskopertura Simplifikat, l-istituzzjonijiet għandhom jiddeterminaw il-valur tal-iskopertura billi jimmultiplikaw l-ammont nozzjonali ta' kull strument bil-perċentwali stabbiliti fit-Tabella 2.

Tabella 2

Maturità oriġinali	Kuntratti relatati ma' rati tal-imgħax	Kuntratti rigward ir-rati tal-kambju u d-deheb
Sena jew inqas	0,5 %	2 %
Aktar minn sena (1), mhux aktar minn sentejn	1 %	5 %
Inkrement addizzjonali għal kull sena addizzjonali	1 %	3 %

2. L-istituzzjonijiet jistgħu, meta jikkalkolaw il-valur tal-iskopertura tal-kuntratti tar-rati tal-imgħax, jużaw jew il-maturità oriġinali jew dik residwa.

Artikolu 5d

Rikonoxximent ta' netting kuntrattwali bħala tnaqqis tar-riskju

L-istituzzjonijiet jistgħu jittrattaw bħala tnaqqis tar-riskju f'konformità mal-Artikolu 5e biss it-tipi ta' ftehimiet kuntrattwali ta' netting li ġejjin meta tali ftehim ta' netting ikun ġie rikonoxxut mill-awtoritajiet kompetenti f'konformità mal-Artikolu 296 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u meta l-istituzzjoni tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 297 ta' dak ir-Regolament:

(a) kuntratti bilaterali ta' novazzjoni bejn istituzzjoni u l-kontroparti tagħha skont liema pretensjonijiet reċiproċi u obbligazzjonijiet huma awtomatikament amalgamati b'tali mod li n-novazzjoni tistabbilixxi ammont nett uniku wieħed kull darba li tapplika sabiex jinħoloq kuntratt wieħed ġdid li jkun vinkolanti fuq il-partijiet u jissostitwixxi l-kuntratti preċedenti kollha u l-obbligazzjonijiet kollha bejn il-partijiet skont dawk il-kuntratti;

(b) ftehimiet bilaterali oħrajn bejn istituzzjoni u l-kontroparti tagħha.

Artikolu 5e

Effetti tar-rikonoxximent tan-netting bħala tnaqqis tar-riskju

1. L-istituzzjonijiet għandhom jittrattaw il-ftehimiet kuntrattwali ta' netting kif ġej:

(a) fil-każ ta' kuntratti ta' novazzjoni, l-istituzzjonijiet jistgħu jippeżaw l-ammonti singoli netti stabbiliti minn tali kuntratti, minflok l-ammonti grossi involuti;

Fl-applikazzjoni tal-Artikolu 5b, l-istituzzjonijiet jistgħu jikkunsidraw il-kuntratt ta' novazzjoni huma u jiddeterminaw:

— il-kost attwali għas-sostituzzjoni msemmi fl-Artikolu 5b(1);

— l-ammonti kapitali nozzjonali jew il-valuri sottostanti msemmija fl-Artikolu 5b(2).

Fl-applikazzjoni tal-Metodu tal-Iskopertura Simplifikat, fid-determinazzjoni tal-ammont nozzjonali msemmi fl-Artikolu 5c(1), l-istituzzjonijiet jistgħu jqisu l-kuntratt ta' novazzjoni għall-iskopijiet tal-kalkolu tal-ammont kapitali nozzjonali. F'każijiet bħal dawn, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw il-perċentwali tat-Tabella 2.

(b) fil-każ ta' ftehimiet ta' netting oħrajn, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw l-Artikolu 5b kif ġej:

(i) il-kost tas-sostituzzjoni attwali msemmi fl-Artikolu 5b(1) għall-kuntratti inklużi fi ftehim ta' netting għandu jinkiseb billi jitqies il-kost nett ipotetiku attwali tas-sostituzzjoni li jirriżulta mill-ftehim; fil-każ meta n-netting iwassal għal riċevibbli nett għall-istituzzjonijiet li jikkalkolaw il-kost nett tas-sostituzzjoni, il-kost attwali ta' sostituzzjoni għandu jiġi kkalkulat bħala '0';

(ii) iċ-ċifra għall-iskopertura għall-kreditu futura potenzjali msemmija fl-Artikolu 5b(2) għall-kuntratti kollha inklużi fi ftehim ta' netting għandha titnaqqas f'konformità mal-formula li ġejja:

$PCE_{red} = 0,4 \bullet PCE_{gross} + 0,6 \bullet NGR \bullet PCE_{gross}$

fejn:

PCE_{red} = iċ-ċifra mnaqqsa għall-iskopertura ta' kreditu potenzjali futura għall-kuntratti kollha ma' kontroparti partikolari inklużi fi ftehim ta' netting bilaterali legalment validu;

PCE_{gross} = is-somma taċ-ċifri għal skopertura ta' kreditu potenzjali futura għall-kuntratti kollha ma kontraparti partikolari li jkunu inklużi fi ftehim bilaterali ta' netting legalment validu u huma kkalkulati billi l-ammonti prinċipli nozzjonali jiġu mmultiplikati bil-perċentwali stabbiliti fit-Tabella 1;

NGR = il-proporzjon tal-valur nett għall-valur gross ikkalkulat bħala l-kwozjent tal-kost nett għas-sostituzzjoni tal-kuntratti kollha inklużi fi ftehim bilaterali ta' netting legalment validu ma' kontroparti partikolari (numeratur) u l-kost gross ta' sostituzzjoni tal-kuntratti kollha inklużi fi ftehim bilaterali ta' netting legalment validu ma' dik il-kontroparti (denominatur).

2. Meta jikkalkolaw l-iskopertura għall-kreditu futura potenzjali f'konformità mal-formula stipulata fil-paragrafu 1(b)(ii), l-istituzzjonijiet jistgħu jittrattaw kuntratti li jaqblu b'mod perfett inklużi fil-ftehim ta' netting daqslikieku dawk il-kuntratti kienu kuntratt wieħed b'kapital nozzjonali ekwivalenti għad-dħul nett.

Meta japplikaw l-Artikolu 5c(1) l-istituzzjonijiet jistgħu jittrattaw kuntratti derivattivi li jaqblu b'mod perfett inklużi fil-ftehim tan-netting daqslikieku dawk il-kuntratti kienu kuntratt wieħed b'kapital nozzjonali ekwivalenti għad-dħul nett, u l-ammonti kapitali nozzjonali għandhom jiġu multiplikati bil-perċentwali stabbiliti fl-Artikolu 5c, Tabella 2.

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, kuntratti derivattivi li jaqblu b'mod perfett huma kuntratti forward tal-kambju jew kuntratti simili li fihom kapital nozzjonali huwa ekwivalenti għall-flussi ta' flus kontanti jekk il-flussi ta' flus kontanti jkunu dovuti fl-istess data tal-valur u jkunu kollha bl-istess munita.

3. Għall-kuntratti derivattivi l-oħrajn kollha inklużi fi ftehim ta' netting, l-istituzzjonijiet jistgħu jnaqqsu l-perċentwali applikabbli kif indikat fit-Tabella 3.

Tabella 3

Maturità oriġinali	Kuntratti relatati ma' rati tal-imgħax	Kuntratti ta' kambju
Sena jew inqas	0,35 %	1,50 %
Aktar minn sena iżda mhux aktar minn sentejn	0,75 %	3,75 %
Inkrement addizzjonali għal kull sena addizzjonali	0,75 %	2,25 %

4. Fil-każ ta' kuntratti b'rata tal-imgħax, l-istituzzjonijiet jistgħu jagħżlu jew maturità oriġinali jew residwa.";

(4) fl-Artikolu 20, jiżdiedu l-paragrafi 6 u 7 li ġejjin:

"6. B'deroga mill-Artikolu 13(1), fil-perjodu ta' kontribuzzjoni tal-2023 l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jinnotifikaw lil kull istituzzjoni msemmija fl-Artikolu 2 bid-deċiżjonijiet tagħhom li jiddeterminaw il-kontribuzzjoni annwali dovuta minn kull istituzzjoni sal-31 ta' Mejju 2023.

7. B'deroga mill-Artikolu 14(4), u fir-rigward tal-informazzjoni li għandha tingħata lill-awtorità ta' riżoluzzjoni fl-2023, l-informazzjoni msemmija f'dak il-paragrafu għandha tingħata sa mhux aktar tard mit-28 ta' Frar 2023".

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Ottubru 2022.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Jannar 2023.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN